

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Centrale Raas van Beroep (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-13 ta' Settembru 2010 — J.C. van Ardennen vs Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen

(Kawża C-435/10)

(2010/C 317/32)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Centrale Raas van Beroep

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: J.C. van Ardennen

Konvenut: Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (UWV)

Domandi preliminari

- (1) Id-Direttiva dwar l-insolvenza ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 10 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li bħala regola ġenerali hija inkompatibbli magħhom sistema nazzjonali li tobbliga lill-ħaddiema, f'każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom, għall-eżerċizzju (totali) tad-dritt tagħhom għall-ħlas ta' krediti ta' paga mhux imħallsa, jirreġistraw bħala persuni li qegħdin ifittxu impjeg mhux iktar tard mill-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha tkun intemmet ir-relazzjoni tax-xogħol, jew kellha b'mod raġjonevoli tintemm. F'każ ta' risposta negattiva:
- (2) Id-Direttiva dwar l-insolvenza, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 10 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija inkompatibbli magħhom sistema nazzjonali li timponi l-imsemmi obbligu ta' reġistrazzjoni anki fuq il-ħaddiema li matul it-terminu ta' notifika jkunu svolgiew attività f'impriża jew fi professjoni indipendenti.
- (3) Id-Direttiva dwar l-insolvenza, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 10 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija inkompatibbli magħhom sistema nazzjonali li permezz tagħha, in-nuqqas jew id-dewmien fit-tweqqiq tal-imsemmi obbligu ta' reġistrazzjoni jista' jiddetermina n-nuqqas ta' ħlas ta' parti mill-benefiċċju tal-insolvenza, fejn fir-rigward tal-livell u tat-tul tal-imsemmija dispożizzjoni huwa deċiżiv anki l-mument li fih jiġi sodisfatt dan l-obbligu.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1 p. 217)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Judicial de Vieira do Minho (il-Portugall) tat-13 ta' Settembru 2010 — Manuel Afonso Esteves vs Axa — Seguros de Portugal SA

(Kawża C-437/10)

(2010/C 317/33)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial de Vieira do Minho

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Manuel Afonso Esteves

Konvenuta: Axa — Seguros de Portugal SA

Domanda preliminari

Fil-każ ta' ħabta bejn vetturi awtomobilistiċi, fejn it-tort mhuwix attribwibbli lil wieħed mis-sewwieqa, u li minnha tirriżulta ħsara fiżika u materjali lil wieħed mis-sewwieqa (il-parti leża li teżiġi kumpens), il-possibbiltà li jiġi stabbilit qsim tar-responsabbiltà għar-riskju (Artikolu 506(1) u (2) tal-Código Civil), b'konsegwenza diretta fl-ammont ta' kumpens li għandu jingħata lill-parti leża għad-danni patrimonjali u mhux patrimonjali li jirriżultaw mid-danni fiżiċi sofferti (billi dan il-qsim ta' responsabbiltà għar-riskju kien jimplika tnaqqis tal-ammont ta' kumpens fi proporzjoni indaqs), tmur kontra d-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva (72/166/KEE) ⁽¹⁾, l-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva (84/5/KEE) ⁽²⁾, u l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva (90/232/KEE) ⁽³⁾, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija lil dawn id-dispożizzjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10)

⁽²⁾ It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3)

⁽³⁾ It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249)